MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-6 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 646/2006

***Guido Vella Limited***

***Versus***

***Red Square Limited et***

F’din il-kawża l-konvenuti qegħdin ifittxu illi jiġġustifikaw in-nuqqas tagħhom li jressqu t-tweġiba maħlufa bl-eċċezzjonijiet tagħhom għat-talba tas-soċjetà attriċi fiż-żmien li tagħti l-liġi.

B’rikors maħluf ippreżentat fis-17 ta’ Lulju 2006 is-soċjetà attriċi talbet illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsuha tlieta u għoxrin elf, mitejn u ħamsa u għoxrin lira u tnejn u ħamsin ċenteżmu (Lm23,225.52) – erbgħa u ħamsin elf u mitt euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€54,100.91) – flimkien ma’ l-imgħax u l-ispejjeż. L-attriċi kienet talbet ukoll illi l-kawża tinqata’ bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali.

Il-kawża tqiegħdet fuq il-lista ta’ l-24 t’Ottubru 2006 fid-9.00 *a.m.* għall-għanijiet ta’ l-ewwel dehra. Għalkemm il-konvenuti ma kinux notifikati bl-avviż tas-smigħ, fl-24 t’Ottubru 2006 deher il-konvenut Donald John Bonnici li laqa’ n-notifika f’ismu u f’isem is-soċjetà konvenuta li tagħha huwa direttur. Billi kien għaddej iż-żmien favur il-konvenuti skond l-art. 169 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-qorti iddifferiet il-kawża għall-għanijiet ta’ l-ewwel dehra għas-27 ta’ Novembru 2006 fid-9.00 *a.m.*

Fis-27 ta’ Novembru 2006 reġa’ deher il-konvenut Donald John Bonnici f’ismu u f’isem is-soċjetà konvenuta u billi, fil-fehma tal-qorti, wera li l-konvenuti kellhom eċċezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet tas-soċjetà attriċi, il-qorti ċaħdet it-talba tas-soċjetà attriċi biex taqta’ l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, ordnat illi l-kawża tkompli miexja bil-proċedura ordinarja u tat lill-konvenuti għoxrin jum minn dakinhar sabiex iressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom skond il-liġi. Il-qorti ordnat ukoll illi, fl-istess żmien ta’ għoxrin jum, il-partijiet kellhom b’nota jgħidu min huma x-xhieda li riedu jressqu, igħidu xi prova riedu jagħmlu b’kull xhud, u jippreżentaw id-dokumenti kollha relativi għall-każ.

Il-konvenuti, iżda, ma weġbux u ma ressqux l-eċċezzjonijiet tagħhom fiż-żmien li ngħatalhom. Imbagħad, fis-17 ta’ Jannar 2007 – wara li kien għadda ż-żmien – il-konvenuti b’rikors talbu illi l-qorti “tawtorizzahom jiġġustifikaw il-kontumaċja u tawtorizzahom jippreżentaw nota ta’ eċċezzjonijiet”. Ir-raġuni mressqa mill-konvenuti għala naqsu li jwieġbu fil-ħin kienet din:

Illi l-esponent [il-konvenut Donald John Bonnici] inkarika lill-*accountant* tiegħu … … … biex iġiblu kopja tal-*Memorandum and Articles of Association* ta’ *Red Square Limited* u ta’ *Bar Funk Limited* peress li ried jesebihom f’din il-kawża. Illi dawn id-dokumenti damu tlitt ġimgħat biex tħejjew u l-esponent bi żvista baqa’ jistenna li jkollu dawn id-dokumenti f’idejh minflok mar għand l-avukat … … … qabel ma skada t-terminu

Is-soċjetà attriċi wieġbet fil-21 ta’ Frar 2007 u opponiet għat-talba.

Dwar ir-raġunijiet għala tista’ tintlaqa’ talba bħal dik magħmula bir-rikors tas-17 ta’ Jannar 2007, l-art. 158(10)

tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

**158.** (10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f’dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa’ kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. … … …

Billi ma kinitx tkun dejjem kostanti u uniformi l-interpretazzjoni mogħtija mill-qrati tat-tifsira ta’ “raġuni tajba”, il-Qorti ta’ l-Appell, sabiex terġa’ ddaħħal l-element ta’ ċertezza fl-interpretazzjoni tal-liġi, f’sentenza mogħtija fit-28 ta’ Jannar 2005 *in re* Noel Calleja *et versus Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd,* fissret illi l-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja għandha titqies l-eċċezzjoni u mhux ir-reġola, u illi, sabiex tara jekk hemmx “raġuni tajba”, għandhom jitħarsu dawn il-kriterji:

(1) Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;

(2) Lanqas tista’ tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;

(3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;

(4) Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f’impediment leġittimu;

(5) L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volontà tal-kontumaċi;

(6) L-iżball m’hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kolpa;

(7) Dan l-impediment leġittimu jista’ jkun … … … “*una necessità impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*”;

(8) L-impossiblità li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikultà gravi, biex tista’ tikkostitwixxi impediment leġittimu, għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista’ tkun morali.

Qalet ukoll illi:

Din il-qorti trid tagħmilha ċara li ġustifikazzjoni merament bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża m’huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorità

ġudizzjarja. Dik il-preżenza ta' l-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija *invece* meħtieġa bħala parti mill-indaġni li tkun trid issir mill-qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le.

Fil-każ tallum in-nuqqas tal-konvenuti li jwieġbu fiż-żmien li ngħatalhom ma jistax ma jitqiesx kolpuż: kienu jafu sa meta kellhom iwieġbu, għax il-konvenut Bonnici kien preżenti – f'ismu u f'isem is-soċjetà konvenuta – meta ngħata d-dikriet biex il-kawża timxi bil-proċedura ordinarja u biex isiru l-eċċezzjonijiet, u kien nuqqas kolpuż tal-konvenuti li ħallew dak iż-żmien igħaddi bla ma jagħmlu dak li kellhom jagħmlu. Lanqas ma jistax jingħad li kien hemm xi impediment leġittimu, fiżiku jew morali, biex il-konvenuti jressqu t-tweġiba maħlufa fiż-żmien li jmiss u, fl-istess żmien, jitolbu aktar żmien biex jippreżentaw id-dokumenti jekk dawn ma laħqux kisbuhom.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum, għalhekk, ma jistax jingħad illi hemm raġuni tajba għala l-konvenuti naqsu milli jippreżentaw it-tweġiba maħlufa tagħhom fiż-żmien li jmiss.

Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba magħmula mill-konvenuti bir-rikors tas-17 ta' Jannar 2007 u tordna li jitkompla s-smigħ tal-kawża fil-kontumaċja tal-konvenuti.

L-ispejjeż ta' dan l-episodju għandhom iħallsuhom il-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------